Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, l-20 ta' Marzu 2025**

**Kumpilazzjoni Numru 680/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sherona Buhagiar)**

**Vs**

**Peter Caruana**
**(ID Nru 0444780M)**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet kontra Peter Caruana, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0444780M.

Akkuzat talli nhar is-17 ta' Novembru, 2022 u fil-granet u fil-gimghat ta' qabel, f'diversi hinijiet, f'dawn il-Gzejjer Maltin, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda :

1. Naqas milli jhares diversi kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u cioe' li ma jkellimx jew javvicina la direttament u lanqas indirettament lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u li ma jikkommettix reat iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u dana b'digriet mahrug mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta nhar is-27 ta' Jannar, 2022, ippresjeduta mill-Magistrat Dr Astrid May Grima LL.D., li bih inghata l-helsien mill-arrest; Art. 579 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lokalitajiet u cirkustanzi, minghajr skuza ragonevoli, kiser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu b'Ordni taht l-Artikolu 412C tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta mahruga nhar is-27 ta' Jannar,

2022, mill-Magistrat Dr. Astrid May Grima LL.D. favur Katia Carmen Caruana, Art. 412C(11) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi, ikkaguna lil martu u cioe' Katia Carmen Caruana, fastidju ghal aktar minn darba meta gab ruhu b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li kien qed ikun tali, Art. 251A, Art. 251H(a)(b), Art. 251HA, Art. 202(h)(i)(iv)(j) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, hedded li jaghmel xi reat, jew bil-hsieb li jgieghel lil martu u cioe' Katia Carmen Caruana taghmel xi haga jew tonqos milli taghmel xi haga, hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra, jew biex jimmalafama, jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih, Art. 579(2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex is-somma ta′ elfejn (€2,000) Ewro bhala depozitu u s-somma ta′ ghaxart elef (€10,000) Ewro bhala garanzija personali tghaddi favur il-Gvern ta′ Malta ai termini ta′ Artikolu 579 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta′ Malta.

Ghaldaqstant, il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tirrevoka l-helsien mill-arrest tal- imputat u kif ukoll tarresta lill-imputat mill-gdid u tohrog Ordni ta′ Protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Peter Caruana a beneficcju ta′ Katia Carmen Caruana u l-familjari taghhom u dan ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta′ Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll f′kaz ta′ htija, sabiex tipprovdi ghas-sigurta′ ta′ Katia Carmen Caruana kif jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubblika, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Peter Caruana billi tapplika l-Artikoli 382A et seq tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta′ Malta, ghal zmien li thoss xieraq u, jew torbot lil Peter Caruana b′obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta′ somma flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq. tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta′ Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f′kaz ta′ htija, minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmi Peter Caruana sabiex ihallas l-ispejjez li jkollhom x′jaqsmu mal-hatra ta′ esperti, jekk ikun il-kaz, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Rat illi l-*parte civile* Katya Carmen Caruana fis-seduta tas-27 ta' Frar 2025, iddikjarat bil-gurament, illi mhux ser tixhed fil-kawza odjerna u qed tirrinunzja ghal dak kollu rinunzjabbli u talbet sabiex il-kawza odjerna titwaqqaf.

**Ikkunsidrat**

Illi fis-27 ta' Frar 2025, semghat lill-istess Katya Carmen Caruana, fejn tenniet illi hi qed tirrinunzja ghal dak kollu rinunzjabbli u qed titlob sabiex dawn il-proceduri jitwaqqfu ai termini ta' l-Artikolu 543(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat is-sottomissjonijiet tal-partijiet rigward it-talba tal-*parte civile* Katya Carmen Caruana, fejn l-ufficjal prosekutur l-iSpettur Sherona Buhagiar iddikjarat illi m'hemmx oggezzjoni li din il-kawza titwaqqaf ai termini ta' l-Artikolu 543(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Artikolu 543(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kkunsidrat illi huwa fl-ahjar interess ta' l-istess *parte civile* Katya Carmen Caruana kif ukoll l-ulied tal-partijiet, illi dawn il-proceduri ma jitkomplewx.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ai termini ta' l-Artikolu 543(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara Procediment Ezawrit.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat